

Brussell, 9 ta' Frar 2024
(OR. en)

6181/24
ADD 1

FIN 120
PE-L 5

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 – <i>Adozzjoni</i> – <i>Approvazzjoni ta' ittra</i>

ANNESS 1:	Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA).....	2
ANNESS 2:	Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA)	5
ANNESS 3:	Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs (ISMEA)	8
ANNESS 4:	Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERCEA)	11
ANNESS 5:	Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HADEA)	13
ANNESS 6:	Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka (REA).....	16

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'

dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur

tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA)

fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit

tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent

għas-sena finanzjarja 2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE¹,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità², u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

¹ ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9.

² ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar ir-regolament finanzjarju standard għall-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 66, l-ewwel paragrafu tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2022 u l-karta tal-bilanċ sal-31 ta' Diċembru 2022 tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA), minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija Eżekuttiva", u kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-sena finanzjarja 2022, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-osservazzjonijiet tal-Qorti²,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri b'rabta mas-sena finanzjarja 2022 jesigū ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti għall-fatt li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva hi tali li tippermetti l-għoti ta' kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

² ĠU C, C/2023/594, 27.10.2023.

**KUMMENT LI JAKKUMPANJA
R-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR
IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA
LILL-AĠENZIJA EŻEKUTTIVA EWROPEA GĦALL-KLIMA, GĦALL-
INFRASTRUTTURA U GĦALL-AMBJENT (CINEA)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2022 u r-risultati tal-operat tagħha, il-likwidità tagħha, u t-tibdil fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija Eżekuttiva, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar ir-riskji marbuta mal-parteċipazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-implimentazzjoni ta' sistema baġitarja, kontabilistika u finanzjarja ġdida, SUMMA, bħala proġett pilota għall-iżvilupp tas-sistema għall-Kummissjoni. Għalhekk, il-Kunsill jistieden lill-Aġenzija Eżekuttiva biex tikkollabora mal-Kummissjoni sabiex tirċievi appoġġ permezz ta' soluzzjonijiet adegwati u urġenti, biex tindirizza d-dgħufijiet tas-sistema, kif mitlub mill-Qorti u mill-Aġenzija Eżekuttiva stess.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL
ta'
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur
tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA)
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura
għas-sena finanzjarja 2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE¹,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità², u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

¹ ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9.

² ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar ir-regolament finanzjarju standard għall-aġenziji eżekuttivi f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi f'dati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 66, l-ewwel paragrafu, tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2022 u l-karta tal-bilanċ sal-31 ta' Diċembru 2022 tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA), minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija Eżekuttiva", u kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-sena finanzjarja 2022, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-osservazzjonijiet tal-Qorti²,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri b'rabta mas-sena finanzjarja 2022 jesiġu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti għall-fatt li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva hija tali li tippermetti l-ġhoti ta' kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

² ĠU C, C/2023/594, 27.10.2023.

**KUMMENT LI JAKKUMPANJA
R-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR
IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA
LILL-AĠENZJA EŻEKUTTIVA EWROPEA GĦALL-EDUKAZZJONI U GĦALL-
KULTURA (EACEA)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzja Eżekuttiva jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2022 u r-riżultati tal-operat tagħha, il-likwidità tagħha, u t-tibdil fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzja Eżekuttiva, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2021 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill huwa mħasseb bl-osservazzjoni tal-Qorti dwar il-persistenza ta' livell għoli ta' riporti ta' approprjazzjonijiet operazzjonali taħt titolu wieħed, ta' 61.8 % fl-2022 u 54.3 % fl-2021, minkejja l-osservazzjoni magħmula mill-Qorti fis-sena ta' qabel. Il-Kunsill jappella lill-Aġenzja Eżekuttiva biex timplimenta miżuri li jtaffu l-kwistjonijiet strutturali fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-baġit tagħha, skont il-prinċipju baġitarju tal-annwalità.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL
ta'
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur
tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs
(EISMEA)
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs
għas-sena finanzjarja 2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE¹,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità², u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

¹ ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9.

² ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar ir-regolament finanzjarju standard għall-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 66, l-ewwel paragrafu tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2022 u l-karta tal-bilanċ sal-31 ta' Diċembru 2022 tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs (EISMEA), minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija Eżekuttiva", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-sena finanzjarja 2022, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-osservazzjonijiet tal-Qorti²,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri b'rabta mas-sena finanzjarja 2022 jesigū ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti għall-fatt li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva hija tali li tippermetti l-għoti ta' kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

² ĠU C, C/2023/594, 27.10.2023.

KUMMENT LI JAKKUMPANJA
R-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GħANDHA
TINGĦATA LILL-AĠENZIJA EŻEKUTTIVA EWROPEA GħALL-KUNSILL
EWROPEW TAL-INNOVAZZJONI U GħALL-SMEs (EISMEA)

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2022 u r-riżultati tal-operat tagħha, il-likwidità tagħha, u t-tibdil fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija Eżekuttiva, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill jiddispaċih għall-osservazzjoni tal-Qorti relatata ma' dgħufijiet fil-kontroll intern, b'mod partikolari każ fejn l-Aġenzija Eżekuttiva ma aġixxietx f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, billi wettqet pagamenti f'konformità mar-rekwiżiti kuntrattwali. Il-Kunsill għalhekk jistieden lill-Aġenzija Eżekuttiva biex tirmiedja billi ttejjeb il-proċeduri ta' kontroll intern, biex jiġu evitati sitwazzjonijiet simili fil-futur.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL
ta'
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur
tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERCEA)
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka
għas-sena finanzjarja 2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE¹,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità², u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

¹ ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9.

² ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar ir-regolament finanzjarju standard għall-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 66, l-ewwel paragrafu tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2022 u l-karta tal-bilanċ sal-31 ta' Diċembru 2022 tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERCEA), minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija Eżekuttiva", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-sena finanzjarja 2022, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-osservazzjonijiet tal-Qorti²,

Billi l-Kunsill jilqa' l-fatt li l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2022 ma jeħtieġu ebda kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva hija tali li tippermetti l-ġoti ta' kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

² ĠU C, C/2023/594, 27.10.2023.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL
ta'
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur
tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA)
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali
għas-sena finanzjarja 2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE¹,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità², u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

¹ ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9.

² ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar ir-regolament finanzjarju standard għall-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 66, l-ewwel paragrafu tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2022 u l-karta tal-bilanċ sal-31 ta' Diċembru 2022 tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA), minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija Eżekuttiva", u kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-sena finanzjarja 2022, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-osservazzjonijiet tal-Qorti²,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri b'rabta mas-sena finanzjarja 2022 jesigū ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness ma' din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti għall-fatt li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva hija tali li tippermetti l-għoti ta' kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

² ĠU C, C/2023/594, 27.10.2023.

KUMMENT LI JAKKUMPANJA
R-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GħANDHA
TINGĦATA
LILL-AĠENZIJA EŻEKUTTIVA EWROPEA GħAS-SAĦĦA U GħALL-QASAM
DIĠITALI (HADEA)

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2022 u r-risultati tal-operat tagħha, il-likwidità tagħha, u t-tibdil fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija Eżekuttiva, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill jiddispjaċih dwar l-osservazzjoni tal-Qorti rigward dgħufijiet fil-proċeduri tal-akkwist ta' valur baxx, u jistieden lill-Aġenzija Eżekuttiva biex tirrimedja għas-sitwazzjoni, inkluż permezz tal-għodda tal-IT ġdida ddedikata għall-ġestjoni tal-akkwist, biex jiġu evitati każijiet bħal dawn fil-futur.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL
ta'
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur
tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka (REA)
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka
għas-sena finanzjarja 2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE¹,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità², u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

¹ ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9.

² ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar ir-regolament finanzjarju standard għall-aġenziji eżekuttivi f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi f'dati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 66, l-ewwel paragrafu, tiegħu,

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2022 u l-karta tal-bilanċ sal-31 ta' Diċembru 2022 tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka (REA), minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija Eżekuttiva", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-sena finanzjarja 2022, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-osservazzjonijiet tal-Qorti²,

Billi l-Kunsill jilqa' l-fatt li l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2022 ma jeħtieġu ebda kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva hija tali li tippermetti l-għoti ta' kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

² ĠU C, C/2023/594, 27.10.2023.